Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 41/2019

**Luke Engerer (appellat)**

**Vs**

**International Fashion Co. Limited; Bay Street Holding Ltd; Bay Street Operations Ltd; u Bay Street Hotel Complex (appellanti)**

18 ta' Novembru, 2019.

1. Il-kawża titratta dwar tkeċċija mill-impjieg li r-rikorrent kellu ma' *International Fashion Co Limited* bħala *General Manager Retail*. Ir-rikorrent isostni li essenzjalment hu xorta baqa' jagħmel l-istess xogħol li kien jagħmel qabel meta kien impjegat mal-intimati l-oħra jew xi waħda minnhom.

2. L-ewwel eċċezzjoni li taw l-intimati kienet li r-rikors hu null għaliex it-talba kienet indirizzata fil-konfront tal-erba' intimati meta hu magħruf li jista' jkollok impjieg wieħed biss.

3. B'deċiżjoni tat-3 ta' Mejju, 2019 it-Tribunal Industrijali argumenta li:

> *"Għaldaqstant, f'każ fejn ir-relazzjoni ta' xogħol u ta' impieg bejn persuna naturali u Soċjeta kif kostitwita bil-Personalita Legali u Ġuridika, fil-każ tas-Soċjeta irid l-ewwel u qabel kollox ikun stabbilit, mingħajr ebda dubju, min kien tabilħaqq il-Prinċipal meta saret l-allegata tkeċċija inġusta.*
>
> *Din id-deċiżjoni ma jeħodhiex u m'għandux u ma jistax jeħodha t-Tribunal Industrijali.*
>
> *Kull ċittadin u ħaddiem għandu l-protezzjoni stabbilita bil-Liġi, bil-Linji Gwida kif u fuq min taqa' din ir-responsabbilta'.*
>
> *It-Tribunal Industrijali m'għandux il-għan u s-seta' li jidħol f'dan il-mertu.*
>
> *Għaldaqstant it-Tribunal Industrjali qed jirreferi formalment li din id-Deċiżjoni Preliminari tgħaddi għall-iskrutinju u l-investigazzjonijiet meħtieġa bis-setgħat mogħtija lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali skont ma jelenka u jipprovdi ic-Charter Pubbliku tad-Drittijiet u Dmirijiet fuq il-post tax-xogħol bir-remedji provduti.*

*L-istess jgħodd ukoll għall-iskrutinju tal-Kap Ezekuttiv ta' Jobsplus kif imwaqqaf b'Liġi skont l-Att Numru xxxix tal-2018 għal kull azzjoni pertinenti li għandha tittieħed.*

*L-azzjonijiet u riżultati iridu jiġu kommunikati lil dan it-Tribunal".*

4. Deċiżjoni li ngħatat wara li l-partijiet ressqu l-provi u saret trattazzjoni.

5. Ir-rikorrenti appella mid-deċiżjoni, bl-aggravji jkunu:

   i. It-Tribunal għandu l-kompetenza li jiddeċiedi għaliex it-terminazzjoni inġusta kienet bi ksur tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Impieg u t-Trasferiment tan-Negozju (Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85). Skont l-artikolu 75 tal-Kap. 452 il-każijiet kollha fejn jiġi allegat tkeċċija inġusta huma ta' kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Kompla jargumenta li l-Aġenzija *Jobsplus* kif ukoll id-Dipartiment tal-Impieg u Relazzjonijiet Industrijali m'għandhom il-poter ġuridiku sabiex jiddeċiedu dwar min hu l-prinċipal.
   ii. In-nuqqas ta' deċiżjoni tat-Tribunal imur kontra d-dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq u dan peress wara li nġabru l-provi kollha, ta sentenza preliminari u mhux sentenza. Inoltre s-sentenza mhijiex motivata. Ir-rikorrent argumenta li m'huwiex aċċettabbli li wara tliet snin proċeduri t-Tribunal ta deċiżjoni mhux motivata.

6. Fil-31 ta' Mejju, 2019 l-intimati ppreżentaw tweġiba u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-qorti għandha tiċħad l-appell.

**<u>Fatti.</u>**

7. Permezz ta' kuntratt ta' impieg tal-5 ta' Ġunju, 2014 li ffirmaw ir-rikorrent u *Bay Street Hotel Complex Limited*, ir-rikorrent sar impjegat ta' dik il-kumpannija fil-kariga ta' *Retail Manager*. L-impieg kien għall-perjodu ta' sena. Fil-kuntratt jingħad li l-ewwel post fejn kien ser jaħdem ir-rikorrent kien ġewwa *Bay Street Hotel Complex*, San Ġiljan *"without prejudice to the right of said employer to designate any other place administered by iself in addition or substitution*

*thereof"*. Meta xehed ir-rikorrent ikkonferma li kien impjegat ta' *Bay Street Hotel Complex Limited* u mingħandha kien jirċievi s-salarju.

8. Permezz ta' kuntratt ta' impieg li ffirmaw ir-rikorrent u *International Fashion Company Limited* fis-16 ta' Ġunju 2015, ir-rikorrent kien ingaġġat għall-perjodu definit ta' tmintax-il xahar li beda fis-17 ta' Ġunju, 2015. L-impieg kien ta' *General Manager Retail* u skont il-kuntratt ir-rikorrent kellu jibda jaqdi d-dmirijiet tiegħu *f'Bay Street Hotel Complex* f'San Ġiljan. Fid-dokument *job description* jingħad li r-rikorrent ikun *"**Responsible for** All Store Managers, Supervisors and Sales Assistants"*.

9. Skont il-kuntratt ta' impieg tas-16 ta' Ġunju, 2015 l-ewwel sitt xhur kienu *probationary period*.

10. F'Novembru, 2015 *International Fashion Company Limited* itterminat l-impieg tar-rikorrent, meta skont il-kuntratt tas-16 ta' Ġunju, 2015 kien għadu ma skadiex il-*probationary period*.

11. Fl-1 ta' Diċembru, 2015 ir-rikorrent iffirma dikjarazzjoni li kien irċieva mingħand International Fashion Company Limited is-somma ta' €2,011.15 *".... in full and final settlement of wages salaries and bonuses relative to my employment with the Company which was terminated on the 25th November, 2015. I further declare that I have received the said payment in full and final settlement and that I have no further claims and/or pretences of whatsoever nature against the Company"*.

12. Ir-rikorrent qiegħed jippretendi *".... somma daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem"* (konklużjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent).

13. Fis-17 ta' Frar, 2016 ir-rikorrent ippreżenta l-kawża fejn qiegħed jallega li t-terminazzjoni tal-impieg saret bi ksur tal-liġi u talab lit-Tribunal Industrijali sabiex jiffissa kumpens għat-terminazzjoni inġusta.

**Konsiderazzjoni.**

14. Fil-kawża r-rikorrent qiegħed isostni li *International Fashion Company Limited* żbaljat meta tterminatlu l-impieg għaliex l-impieg li kellu ma' *Bay Street Hotel Complex Limited* kien ġie trasferit għal ma' *International Fashion Company Limited*, u dan skont ir-*Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Impiegi fit-Trasferiment tan-Negozju* (L.S. 452.85).

15. Hu fatt li fir-rikors li bih bdew il-proċeduri r-rikorrent ma' ħax riskji u ħarrek ukoll lil *Bay Street Holding Limited* u *Bay Street Operations Limited*, u qiesu jagħti lil wieħed x'jifhem li ma kienx jaf ma' min oriġinarjament kien beda jaħdem. Pero' meta xehed ta d-dettalji meħtieġa u wkoll fin-nota ta' sottomissjonijiet għamel il-posizzjoni tiegħu ċara ħafna. Ir-rikorrent qiegħed isostni li meta eventwalment il-prinċipal tiegħu sar *International Fashion Company Limited*, dak kien kontinwazzjoni tal-impieg li kellu għaliex kien hemm trasferiment ta' negozju minn kumpannija għall-oħra. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrent argumenta:

> *"22. Illi t-teżi ta' Luke Engerer hija li għall-ewwel il-management tad-ditti tal-moda kienu isiru minn Bay Street Hotel Complex Limited, iżda meta ġiet ikkreata International Fashion Company Limited kien hemm outsourcing ta' dina l-funzjoni ta' management ġiet trasferita lis-soċjeta International Fashion Company Limited, b'hekk kien hemm trasferiment tan-negozju".*

16. Hu proprju dak li kellu jistħarreġ it-Tribunal Industrijali u ma kellu qatt jirreferi l-materja lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali u lill-kap eżekuttiv ta' *Jobsplus* sabiex jiddeterminaw min kien il-prinċipal tar-rikorrent meta l-impieg tar-rikorrent kien terminat. Dan apparti li mill-provi hu ċar daqs il-kristall min kien il-prinċipal. Il-mistoqsija l-iktar rilevanti li kellu jiddeċiedi dwarha t-Tribunal Industrijali kienet jekk kienx hemm trasferiment ta' negozju mingħand *Bay Street Hotel Complex Limited* għal

għand *International Fashion Co Ltd*? Tweġiba li t-Tribunal Industrijali ikun jista' jasal għaliha wara li jikkunsidra r-regolamenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85 u l-provi li ressqu l-partijiet. Regolamenti li jagħtu tifsira lill-kelma *'trasferiment'*, u fl-affermattiv x'inhuma l-konsegwenzi.

17. Il-konsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali li mhuwiex qorti u t-tagħrif li qal li tawh ir-Reġistratur tal-Qorti u d-Direttur Ġenerali u li għenuh jasal għal dik il-konklużjoni, huma għal kollox irrilevanti. It-Tribunal Industrijali jisma' u jiddeċiedi kawżi fejn impjegat jallega li tkeċċa għal raġuni mhux ġusta, u għandu obbligu li jiddeċiedi kwistjonijiet li jifformaw parti mill-proċeduri. Uffiċjali ta' aġenziji jew dipartimenti tal-Gvern m'għandhom l-ebda awtorita' jiddeċiedu min kien il-prinċipal ta' impjegat meta tkeċċa. Jekk it-Tribunal Industrijali kien tal-fehma li kellu bżonn iktar provi, ħtieġa li fil-fehma tal-qorti żgur li ma kienx hemm f'dan il-każ għaliex hemm biżżejjed provi sabiex it-Tribunal jasal għall-konklużjoni, ma kellu xejn x'iżommu milli jordna li jixhdu quddiemu. Pero' t-Tribunal Industrijali ma kellu l-ebda awtorita' li jwaddabha fuq *Jobsplus* u d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali sabiex jiddeċiedu. Awtoritajiet li m'għandhomx funzjoni kważi-ġudizzjarja.

18. Dan il-każ isaħħaħ il-ħtieġa urġenti li *chairpersons* tat-Tribunal Industrijali li jisimgħu u jiddeċiedu każijiet li jissemmew fl-artikolu 75 tal-Kap. 42 ikollhom *background* legali jew għallinqas jingħataw taħriġ legali qabel ma jibdew jaqdu d-dmirijiet tagħhom ta' *chairperson*. Idejalment Tribunal għandu jkun presjedut minn Maġistrat. Il-fatt li persuna ikollha esperjenza fil-qasam industrijali m'huwiex biżżejjed sabiex jokkupa l-kariga importanti ta' *chairperson* tat-Tribunal Industrijali. Persuna b'dik l-esperjenza tista' tkun idonja sabiex tagħti pariri dwar temi ta' natura industrijali, pero' mhux li tmexxi l-proċeduri u tiddeċiedi l-kawżi fil-meritu. Hu ovvju li f'każijiet ta' tkeċċija ta' impjegati ser jinqalgħu punti ta' liġi li xi drabi jkunu wkoll kumplessi. Meta jinqalgħu, *chairperson* li ma jkollux *background* legali jew li ma jkunx ingħata taħriġ u ma jkollux esperjenza legali, ser isib ruħu f'diffikulta'. Wieħed irid jiftakar li bis-snin

il-liġi industrijali żviluppat u m'għadhiex dik li kienet snin ilu meta Malta kienet għadha ma saritx membru tal-Unjoni Ewropea. Biżżejjed wieħed jara l-kwantita' ta' Leġislazzjoni Sussidjarja li hi parti mil-liġi industrijali. Dan apparti li l-*expotential growth* fl-impiegi reġistrat fil-pajjiż matul dawn l-aħħar snin u l-kontribut li jagħtu lill-ekonomija tal-pajjiż, jimmeritaw l-introduzzjoni ta' emendi mingħajr iktar tkaxkir ta' saqajn. B'hekk is-sitwazzjoni xejn feliċi li teżisti llum titneħħa darba għal dejjem għall-benefiċċju tal-partijiet kollha u l-avukati li jirrappreżentawhom.

19. In vista ta' dak li ngħad hawn fuq m'hemmx għalfejn li l-qorti tikkunsidra t-tieni aggravju.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tat-3 ta' Mejju, 2019 u tibgħat l-atti lura quddiemu sabiex jiddeċiedi l-kawża skont il-liġi. Spejjeż a karigu tal-konvenuti.**

**Fir-rigward tal-eċċezzjoni preliminari li taw l-intimati,[1] il-materja hi eżawrita bid-deċiżjoni li ngħatat fit-12 ta' Awissu, 2019 wara r-rikors li ppreżentaw l-intimati stess fil-31 ta' Mejju, 2019.**

Anthony Ellul.

[1] Li l-appell hu null għaliex ir-rikorrent ma talabx il-permess tal-qorti skont l-artikolu 231 tal-Kap. 12.